

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Lulju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-26/07) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/80/KE — Kumpens għal vittmi ta' delitti — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2007/C 211/17)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Condou-Durande u A.-M. Rouchaud-Joët, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: N. Dafniou, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, li għandha x-taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti (ĠU L 261, p. 15)

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruha mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, li għandha x-taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-Direttiva.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija ordnata tbatli l-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 56, 10.3.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Lulju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-50/07) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/24/KE — Prodotti farmaċewtiċi — Prodotti mediċinali veġetali tradizzjonali — Kodiċi tal-Komunità — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu stabbilit)

(2007/C 211/18)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: B. Stromsky u S. Pardo Quintillán, aġenti]

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja [rappreżentant: F. Díez Moreno, aġent]

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jieħu, fit-terminu stabbilit, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/24/KE tal-31 ta' Marzu 2004 li temenda, fir-rigward ta' prodotti mediċinali veġetali tradizzjonali, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 136, p. 85)

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu stabbilit, id-dispożizzjonijiet leġislativi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/24/KE tal-31 ta' Marzu 2004 li temenda, fir-rigward ta' prodotti mediċinali veġetali tradizzjonali, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem.

2) Ir-Renju ta' Spanja huwa ordnat ibati l-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 69, 24.3.2007.